

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2018 – DQ et vs Il-Parlament**(Kawża T-730/18)**

(2019/C 54/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiż***Partijiet**

Rikorrenti: DQ u ħdax-il rikorrent ieħor (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti jitbolu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- għaldaqstant
- tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba għal kumpens (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”) tar-rikorrenti ppreżentata fit-13 ta' Diċembru 2017 skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tannulla, skont il-bżonn, id-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2018 li tiċħad l-ilment imressaq fit-23 ta' Mejju 2018 fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tordna kumpens għad-dannu morali kkawżat minn sensiela ta' atti u aġir tal-Parlament li għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni globali u li r-rikorrenti jistmaw, suġġetti għal evalwazzjoni mill-ġdid, għas-somma *ex aequo et bono* ta' EUR 192 000;
- tikkundanna lill-Parlament iħallas l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji akkumulati sadanittant;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw l-illegalitajiet imwettqa mill-Parlament fil-kwalità tiegħu ta' persuna li timpjega, b'mod partikolari ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura, ksur tad-dinjità tagħhom, ksur tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja, ksur tad-dritt tagħhom għall-protezzjoni tas-sigriet mediku u ksur tad-dritt tagħhom għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħha, is-sigurtà u d-dinjità tagħhom.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatti u l-aġir irrapportati minnhom jikkostitwixxu, *prima facie*, fatti u aġir ġenwini jew, għall-inqas, fatti u aġir li probabbil jissu ġerixxu l-eżistenza ta' atti ta' fastidju morali kontrihom u jitbolu li l-Parlament Ewropew jiġi kkunsidrat responsabbli, b'mod partikolari minħabba l-passività ta' dan tal-ħaħa fl-ipproċċessar tat-talba tagħhom għal assistenza abbażi tal-Artikoli 12 u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2018 – Dalasa vs EUIPO – Charité – Universitätsmedizin Berlin (charantea)**(Kawża T-732/18)**

(2019/C 54/46)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Dalasa Handelsgesellschaft mbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: I. Hödl, avukat)